



Brussell, 11 ta' Frar 2019  
(OR. en)

6177/19

COMPET 114  
MI 127  
IND 40  
DIGIT 29  
JUSTCIV 40  
RECH 82  
EDUC 56

**NOTA**

|                 |                                                                                                                                             |
|-----------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)                                                                                             |
| lil:            | Kunsill                                                                                                                                     |
| Nru. dok. preċ. | 5808/19 COMPET 75 MI 70 IND 22 DIGIT 15 JUSTCIV 26 RECH 56<br>EDUC 33                                                                       |
| Suġġett:        | <b>Intelliġenza artifiċjali</b><br><b>b) Konklużjonijiet dwar il-pjan ikkoordinat dwar l-intelliġenza artifiċjali</b><br><b>- Adozzjoni</b> |

1. Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali"<sup>1</sup>, akkompanjata minn Pjan Ikkoordinat dwar l-Iżvilupp u l-Użu tal-Intelliġenza Artifiċjali Magħmula fl-Ewropa - 2018<sup>2</sup> imħejjija mill-Istati Membri (bħala parti mill-Grupp dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea u l-Intelliġenza Artifiċjali), in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Kummissjoni.

<sup>1</sup> Doc. 15641/18.

<sup>2</sup> Doc. 15641/18 ADD 1.

2. Sabiex ittenni sejħiet mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill biex jiġu indirizzati xejriet emerġenti, fost l-oħrajn, billi jitressaq approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali, u biex tafferma mill-ġdid l-importanza li l-Kunsill jagħti lill-enfasi fuq l-iżvilupp innovattiv u li jiġu segwiti t-tendenzi ewlenin orjentati lejn il-futur inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali, il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan Ikkoordinat dwar l-Iżvilupp u l-Użu tal-Intelliġenza Artifiċjali Magħmula fl-Ewropa.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija) eżamina l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-Pjan Ikkoordinat u ddiskuta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill fil-laqgħat fis-7, l-14, it-18 u t-30 ta' Jannar 2019. B'segwitu għad-diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza inkludiet għadd ta' bidliet fil-proposta tagħha sabiex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-interessi u l-oġettivi differenti tal-Istati Membri.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Frar 2019, ikkonferma t-test kif jinsab fl-Anness u qabel li jibgħat l-abbozz ta' konklużjonijiet lill-Kunsill (Kompetittività) fit-18 ta' Frar 2019 biex jiġu adottati.
5. Għaldaqstant, il-Kunsill (Kompetittività) hu mistieden jadotta l-konklużjonijiet li jinsabu fl-Anness.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR PJAN IKKOORDINAT  
DWAR**

**L-IŻVILUPP U L-UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI MAGĦMULA FL-EWROPA**

IL-KUNSILL TAL UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2017 "Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli - Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE"<sup>3</sup>, b'enfasi fuq l-Intelliġenza Artifiċjali bħala waħda mill-għodod biex titjeb l-industrija għall-era diġitali;
- fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu fid-19 ta' Ottubru 2017<sup>4</sup>, li enfasizzaw il-hteġa li jiġi żviluppat approċċ lejn l-Intelliġenza Artifiċjali fil-livell Ewropew;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2018 dwar l-istrateġija tal-politika industrijali tal-UE għall-kompetittività, it-tkabbir u l-innovazzjoni<sup>5</sup>, li enfasizzaw li l-kumpanniji jridu jkunu kontinwament iffokati fuq l-iżvilupp innovattiv u jseguw t-tendenzi ewlenin orjentati lejn il-futur inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali;
- fid-dikjarazzjoni Ministerjali tal-10 ta' April 2018 dwar il-kooperazzjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, iffirmata mill-Istati Membri kollha u n-Norveġja wara l-avveniment tal-Jum Diġitali 2018;
- fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2018 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa<sup>6</sup>;

---

<sup>3</sup> Dok. 12202/17.

<sup>4</sup> Dok. EUCO 14/17, paragrafu 11.

<sup>5</sup> Dok. 7037/18.

<sup>6</sup> Dok. 8507/18.

- fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2018<sup>7</sup>, li jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri fuq pjan ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, imsejjes fuq il-komunikazzjoni reċenti tagħha;
  - fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2018 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali<sup>8</sup>;
  - fid-diskussjonijiet dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li saru fil-Kunsill Kompetittività u fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir;
  - fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu fit-13-14 ta' Diċembru 2018<sup>9</sup>, li jenfasizzaw il-ħtieġa li s-Suq Uniku jevolvi biex iħaddan bis-siġh it-trasformazzjoni diġitali, inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali,
1. JILQA' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tas-7 ta' Diċembru 2018 u l-anness tagħha intitolat "Pjan Ikkoordinat dwar l-Iżvilupp u l-Użu tal-Intelliġenza Artifiċjali Magħmula fl-Ewropa - 2018" imħejjija mill-Istati Membri, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Kummissjoni fil-kuntest tal-ħidma tal-*Grupp tal-Istati Membri dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea u l-Intelliġenza Artifiċjali*; JAPPOĠĠA l-isforzi ta' dan il-Grupp fil-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Istati Membri f'oqsma ta' politika differenti; JAPPELLA GĦAL tisħiħ tal-iżvilupp, l-adozzjoni u l-użu tal-applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali fis-setturi ekonomiċi kollha, bil-għan li l-Ewropa ssir mexxej globali fl-Intelliġenza Artifiċjali;

<sup>7</sup> Dok. EUCO 9/18, paragrafu 20.

<sup>8</sup> Dok. 15641/18.

<sup>9</sup> Dok. EUCO 17/18, paragrafu 2.

2. JISSOTTOLINJA l-importanza kruċjali ta' trawwim tal-iżvilupp u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-Ewropa billi jiżdied l-investiment f'dak il-qasam, tissaħħaħ l-eċċellenza fit-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali, u titjeb il-kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, sabiex riżultati u għarfien ġodda mir-riċerka dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jiġu trasferiti malajr u b'mod effiċjenti lill-industrija u finalment lis-swieq, is-settur pubbliku u l-konsumaturi; JIRRAKKOMANDA l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ta' livell għoli fis-setturi ekonomiċi kollha biex irawmu t-tkabbir ekonomiku u jikkontribwixxu biex jissolvew l-akbar sfidi tad-dinja, mill-fejqaq tal-mard sat-tranżizzjoni tal-enerġija, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-antiċipazzjoni tad-diżastri naturali, iktar sikurezza fit-trasport, il-ġlieda kontra l-kriminalità, u t-titjeb fiċ-ċibersigurtà; JINKORAĠĠIXXI l-promozzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali u l-applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali, li jibnu fuq eżempji ta' oqsma aktar avvanzati bħall-kura tas-saħħa, l-agrikoltura jew il-mobilità konnessa u awtonoma;
3. JILQA' l-pjan tal-Kummissjoni li toħloq sinerġiji b'saħħithom bejn l-istrateġija tagħha għall-Intelliġenza Artifiċjali u l-programm Spazjali tal-Unjoni peress li ż-żewġ attivitajiet ser isaħħu reċiprokament lil xulxin għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE u ħafna setturi industrijali; JIRRIKONOXXI b'mod partikolari li l-isfruttament, permezz ta' algoritmi ġodda tal-Intelliġenza Artifiċjali, tal-ammont kbir ta' data tal-Osservazzjoni tad-Dinja miġbura minn Copernicus ser jappoġġa diversi setturi tal-ekonomija bil-ħolqien ta' prodotti u servizzi ġodda u innovattivi kif ukoll applikazzjonijiet kritiċi biex jissorveljaw u jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima;
4. JINKORAĠĠIXXI BIS-SĦIĦ negozji ġodda, negozji li qed jespandu, u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u kumpanniji innovattivi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u jgawdu minnu u l-usa' użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-ekonomija; JENFASIZZA BIS-SĦIĦ il-ħtieġa li jiġi żgurat li kull intrapriża, żgħira jew kbira, ta' teknoloġija għolja jew le, tista' taħtaf dawn l-opportunitajiet diġitali, kemm jekk fir-rigward ta' data, teknoloġiji abilitanti essenzjali jew hiliyet; għalhekk JISĦAQ fuq l-importanza tal-appoġġ lill-SMEs biex jinnovaw bit-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali permezz ta' azzjonijiet bħalma huma l-iżvilupp jew l-ittestjar u l-esperimentazzjoni pereżempju fi ħdan il-bankijiet tal-ittestjar għall-applikazzjonijiet;

5. JAPPOĠĠA d-diffużjoni mifruxa tal-kapaċità tal-Intelliġenza Artifiċjali, u l-aċċess għaliha, f'kull Stat Membru, pereżempju permezz tal-pjattaforma tal-Intelliġenza Artifiċjali on-demand, in-netwerk ta' hubs u raggruppamenti tal-innovazzjoni diġitali, kif ukoll in-netwerk ta' ċentri ta' eċċellenza, permezz tal-programmi proposti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, bħal Ewropa Diġitali, InvestEU, Orizzont Ewropa u l-Programm għas-Suq Uniku, mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar il-QFP li jmiss; JENFASIZZA l-importanza ta' azzjoni kkoordinata sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti li jsiru fuq livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali, inkluż dawk appoġġati mill-Bank Ewropew tal-Investment, sabiex tiżdied il-kompetittività tal-industrija Ewropea fil-livell globali; JISĦAQ fuq l-importanza tal-programmi fil-QFP li jmiss għall-iżvilupp futur tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-UE;
6. JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal data miżmuma pubblikament u privatament aktar sigura u ta' kwalità għolja li tkun tinsab disponibbli bil-garanziji meħtieġa stabbiliti għall-iżvilupp tat-teknoloġija tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-ħolqien ta' spazji komuni Ewropej tad-data ta' fiduċja li ser jippermettu, pereżempju, l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda bbażati fuq data li tinkludi qafas ta' interoperabbiltà u governanza tal-prattiki tal-kondiviżjoni tad-data u l-użu mill-ġdid; JAPPELLA GĦALL-iżvilupp ta' soluzzjonijiet siguri biex jingħata aċċess faċli għad-data u l-integrità tad-data; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa tal-iżvilupp u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet bażiċi tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-Unjoni, inkluż riżorsi ta' data, mekkaniżmi ta' fiduċja għall-iskambju ta' data bħall-imħażen virtwali tad-data u l-libreriji tal-algoritmi; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' siti ta' referenza ta' daqs reali għall-ittestjar u l-esperimentazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-UE, f'konformità mal-qafas legali tal-UE;
7. HUWA KONXJU TAL-impatt ta' xkiel u l-potenzjal ta' trasformazzjoni li l-Intelliġenza Artifiċjali ser ikollha fis-suq tax-xogħol attwali, pereżempju fis-setturi industrijali; JISTENNA B'INTERESS ir-rapport li ser jiġi ppreżentat mill-*grupp ta' esperti ta' livell għoli* dwar l-impatt tat-trasformazzjoni diġitali fuq is-swieq tax-xogħol tal-UE fir-rebbiegħa 2019 u għall-kontribuzzjoni tal-iżhab soċjali;

8. JIEĦU NOTA TAN-nuqqas ta' professjonisti tal-ICT, inġiniera, speċjalisti fl-Intelliġenza Artifiċjali u professjonisti oħra assoċjati fl-Istati Membri; JENFASIZZA l-urġenza li jiġi promoss fehim iktar profund dwar il-kunċetti sottostanti tad-diġitalizzazzjoni u l-Intelliġenza Artifiċjali, li jinkorpora ħliet diġitali b'enfasi speċjali fuq l-Intelliġenza Artifiċjali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u jżid id-disponibbiltà ta' programmi tal-ICT ta' kwalità għolja, b'enfasi fuq l-awtomatizzazzjoni, ir-robotika u l-Intelliġenza Artifiċjali kif ukoll l-affidabbiltà u s-sigurtà tas-software, fl-edukazzjoni terzjarja; JISSOTTOLINJA l-hteġa li jiżiedu l-isforzi eżistenti, pereżempju f'kooperazzjoni mal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, biex jimmaturaw il-professjoni tal-ICT, it-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali filwaqt li jiġu promossi l-bilanċ bejn is-sessi u d-diversità fi ħdan is-settur; JISĦAQ fuq il-hteġa għal azzjonijiet speċifiċi fil-livell tal-Unjoni, komplementari ma' miżuri nazzjonali, biex ir-riċerkaturi u l-ispeċjalisti tal-Intelliġenza Artifiċjali jinżammu fl-Ewropa; JAPPELLA GĦAL approċċ usa' lejn edukazzjoni għall-Intelliġenza Artifiċjali, ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika fil-livelli kollha u għat-taħriġ ta' professjonisti fis-suq tax-xogħol attwali;
9. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar kif tista' tissaħħaħ l-eċċellenza u jinħolqu ekosistemi biex iżommu u jattiraw talenti fl-UE u lejn l-UE, biex jappoġġjaw l-iżvilupp u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġa Masters u PhDs fl-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni li thegġegħ l-introduzzjoni ta' moduli tal-Intelliġenza Artifiċjali flawrji konġunti interdixxiplinari, pereżempju fl-oqsma tal-liġi jew il-psikoloġija flimkien mal-Intelliġenza Artifiċjali;

10. JINKORAĠĠIXXI l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-UE biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u servizzi li jaħdmu permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali u jagħmluhom disponibbli għaċ-ċittadini u n-negozji bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tas-servizzi mogħtija, fost l-oħrajn, permezz tal-akkwist pubbliku u fl-akkwist pubbliku; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tesplora l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-monitoraġġ u l-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku għal oġġetti, servizzi u persuni, kif ukoll f'kompiti oħra tas-settur pubbliku; JAPPREZZA li l-Kummissjoni lesta tassisti xerrejja pubbliċi li jixtiequ jixtru soluzzjonijiet u servizzi li jaħdmu permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali u taċ-ċibersigurtà, pereżempju bit-twaqqif ta' hub ta' assistenza;
11. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej billi jiġu implimentati linji gwida dwar l-etika għall-iżvilupp u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea u fil-livell globali, u b'hekk l-etika fl-Intelliġenza Artifiċjali ssir vantaġġ kompetittiv għall-industrija Ewropea; JIEĦU NOTA TAL-pubblikazzjoni imminenti tal-linji gwida dwar l-etika li ser jiġu ppreżentati mill-*Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli indipendenti dwar l-Intelliġenza Artifiċjali* u jistenna bil-ħerqa biex tkompli tiġi segwita din il-ħidma; JAPPOĠĠA l-isforz tal-Kummissjoni biex tressaq approċċ etiku tal-UE fix-xena globali u JINKORAĠĠIXXI l-promozzjoni tagħha f'inizjattivi internazzjonali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, bħal dik tal-OECD u l-Panel Internazzjonali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali;
12. JISSOTTOLINJA li l-leġislazzjoni kollha tal-UE għandha tkun adatta skont il-hteġa u tinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-applikazzjoni transkonfinali ta' teknoloġiji bbażati fuq l-Intelliġenza Artifiċjali, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tqis dan l-oġġettiv meta tkun qed tevalwa leġislazzjoni ġdida jew eżistenti; JAPPELLA GĦAL reviżjoni, fejn xieraq, tal-leġislazzjoni rilevanti eżistenti f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar bil-għan li jiġi żgurat li din tkun adatta għall-opportunitajiet u l-isfidi ġodda mqajma mill-Intelliġenza Artifiċjali inkluż dwar kwistjonijiet bħal sikurezza, privatezza u responsabbiltà u deċiżjonijiet u azzjonijiet meħuda mingħajr interazzjoni umana; JISĦAQ fuq il-hteġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti xierqa taċ-ċibersigurtà għall-Intelliġenza Artifiċjali u li jkunu żgurati r-responsabbiltà u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali;



13. JAPPOĠĠA l-isforzi tal-Istati Membri biex ipoġġu l-UE fost il-mexxejja tal-Intelliġenza Artifiċjali madwar id-dinja u għal dan il-għan JAPPOĠĠA l-azzjonijiet proposti fil-Pjan Ikkoordinat fir-rigward l-iskambju tal-aħjar prattiki, il-kisba ta' sinerġiji u ta' kooperazzjoni eqreb u aktar effiċjenti madwar l-Unjoni; JINKORAĠĠIXXI lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' standards għat-teknoloġiji tal-Intelliġenza Artifiċjali biex tizzied il-kompetittività;
14. JINKORAĠĠIXXI l-Istati Membri biex idaħħlu fis-seħħ, sa nofs l-2019, strateġiji jew programmi nazzjonali tal-Intelliġenza Artifiċjali, jew biex jinkludu dimensjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali fi strateġiji u programmi rilevanti oħra, billi jiddeskrivu l-investimenti u l-miżuri ta' implimentazzjoni previsti; JINKORAĠĠIXXI BIS-SĦIĦ l-atturi ekonomiċi kollha biex iżidu l-investimenti fl-Intelliġenza Artifiċjali;
15. JISĦAQ li l-Kunsill, abbażi tal-ħidma mwettqa mill-*Grupp tal-Istati Membri dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea u l-Intelliġenza Artifiċjali*, għandu jkollu rwol ewlieni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-aġġornament annwali tal-*Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali*; JISSOTTOLINJA l-kompitu tal-Kunsill Kompetittività, appoġġat mill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir, fir-rigward l-integrazzjoni tal-kompetittività industrijali fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE, inkluż fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali.